MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tas-16 ta' Jannar, 2006

Appell Civili Numru. 11/2005

**Helen Meli Attard**

**v.**

**Joseph Mary Meli**

**Il-Qorti:**

**1.** Dan huwa provvediment dwar talba kontenuta fir-rikors maghmul fil-21 ta’ Marzu 2005 minn Helen Mary Attard li bih qed titlob lil din il-Qorti tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jirregistra fit-termini tal-Artikoli 23 u 24 tal-Att dwar iz-Zwieg (Kap. 255) id-decizjoni moghtija mit-

Tribunal Metropolitan ta' Malta tat-30 ta' April 2004 (Prot. N. 98/90) [1] u kkonfermata b'Digriet ta' Ratifika ta' l-istess Tribunal Regjonali tat-Tieni Istanza fit-22 ta' Dicembru 2004 (Prot. N. 04/27); id-digriet ta' ezekuttivita` ta' dawn is-sentenzi gie moghti fit-18 ta' Jannar 2005. Din id-decizjoni ddikjarat null iz-zwieg kattoliku tal-partijiet celebrat fil-Knisja Parrokkjali ta' Hal-Gharghur, Malta fis-16 ta' Lulju 1983. Kopji awtentici tad-decizjoni moghtija mit-Tribunal Metropolitan ta' Malta, tad-Digriet ta' Ratifika mahrug mill-istess Tribunal u tad-Digriet ta' Ezekuttivita` huma esebiti fl-inkartament u mmarkati rispettivament bhala Dokument B, Dokument C u Dokument D.

**2.** Wara li l-intimat, Joseph Mary Meli, gie notifikat bil-procedura tal-affissjoni (fit-3 ta' Gunju 2005) bl-imsemmi rikors, huwa, fit-23 ta' Gunju 2005, ippresenta risposta (f'forma ta' rikors, fol. 48 ta' l-atti) li permezz taghha oppona t-talba tar-rikorrenti billi rritjena li l-imsemmija talba "ma hijiex in konformi *(sic!)* mal-ligijiet ta' Malta u tal-Unjoni Ewropea u ghalhekk is-sentenza tat-tribunal tat-30 ta' April 2004 u dik tat-22 ta' Dicembru 2004, u digriet tat-18 ta' Jannar 2005 huma kollha nulli u invalidi a bazi tal-ligijiet ta' Malta u dawk tal-Unjoni Ewropea." Id-Direttur tar-Registru Pubbliku, fir-risposta tieghu tat-28 ta' Marzu 2005, ma opponiex it-talba tar-rikorrenti Helen Meli Attard.

**3.** Peress li ghalhekk f'dan il-kaz ma avveratx ruhha s-sitwazzjoni kontemplata fl-Artikolu 31(2) tal-Kap. 255, din il-Qorti, b'digriet kamerali moghti fl-24 ta' Gunju 2005, appuntat ir-rikors ghas-smigh ghat-12 ta' Lulju 2005 skond l-Artikolu 28 tal-imsemmi Kap. 255. B'digriet kamerali iehor moghti fit-28 ta' Gunju 2005 skond l-Artikolu 173 tal-Kap. 12, din il-Qorti ordnat li ghall-udjenza tat-12 ta' Lulju 2005 "il-partijiet iressqu l-provi kollha li huma ghandhom fir-rigward tal-vertenza u li jekk hemm xi dokument li l-partijiet iridu jippresentaw, dawn ghandhom jigi ppresentati permezz ta' nota fir-Registru mhux aktar tard minn nhar il-Gimgha, 8 ta' Lulju 2005".

[1] Permezz ta' dina d-decizjoni gie deciz minn dak it-Tribunal: ***"Affirmative seu constare de nullitate matrimonii in casu ob defectum discretionis iudicii et inhabilitatem assumendi onera conjugalia ex parte viri conventi; Vetito eodem viro convento transitu ad alias nuptias nisi, habita relatione peritali a psychiatra vel psicologo confecta aptus retineatur ad validum consensum emittendum et ad onera coniugalia rite exercenda."***

**4.** Permezz ta' nota ppresentata fit-8 ta' Lulju 2005, l-intimat Joseph Mary Meli ppresenta tnax-il dokument (b'total ta' 370 pagna [2]). Intant, id-Direttur tar-Registru Pubbliku, permezz ta' risposta ppresentata fit-12 ta' Lulju 2005 [3], wiegeb ghan-nota/rikors tal-intimat Meli. L-imsemmi Direttur fisser, bazikament, li l-proceduri quddiem it-Tribunali Ekklesjastici dwar nullitajiet ta' zwieg kienu konformi mal-ligi domestika u li ma kien hemm xejn x'jindika li l-intimat ma kienx inghata smigh xieraq mill-imsemmi Tribunal ossia Tribunali.

**5.** Fl-udjenza tat-12 ta' Lulju 2005 l-abbili difensur tal-intimat, l-Avukat Dott. Emy Bezzina, fisser u kkwalifika ghal kull buon fini li l-oggezzjoni tal-klient tieghu kontenuta fir-rikors (nota) tat-23 ta' Gunju 2005 "hija fis-sens li d-decizjoni tat-Tribunal Ekklesjastiku ma ghandhiex tigi resgistrata minn din il-Qorti peress li tikkozza ma' dak li jipprovdi l-paragrafu (ii) tas-subartikolu (5) tal-Artikolu 24 tal-Kap. 255" (ara l-verbal ta' l-udjenza a fol. 430). Gew registrati wkoll xi osservazzjonijiet mill-imsemmi difensur dwar l-accessibilita` li l-intimat kellu ghal dokumenti quddiem l-imsemmi Tribunal, kif ukoll ghall-assistenza legali li huwa kellu – skond l-intimat, assistenza legali "limitata" – quddiem l-istess Tribunal.

**6.** Din il-Qorti, fl-imsemmija udjenza, tat tliet gimghat zmien lill-intimat sabiex permezz ta' nota qasira jippuntwalizza kif u ghaliex kien hemm nuqqas fil-procedura quddiem it-Tribunal Ekklesjastiku li tmur kontra dak li jipprovdi l-imsemmi Artikolu 24(5)(ii) [4]; tat-zmien ukoll lir-rikorrenti u lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex iwiegbu ghal kwalsiasi nota hekk presentata; u ddifferiet ir-rikors *sine die* riappuntabbli jew fuq talba tal-partijiet jew mill-Qorti *marte proprio*.

**7.** Fl-1 ta' Awissu 2005 l-intimat ippresenta n-nota kif indikat hawn aktar 'l fuq. F'din in-nota (li hija bl-Ingliz) huwa jilmenta mill-fatt li ma setax ikollu biex jassistih

---

[2] Kollox gie enumerat minn fol. 54 sa 426 u inserit fl-atti ta' dawn il-proceduri.

[3] Ara fol. 427 sa 428.

[4] Art. 24(5)(ii): **"Il-Qorti ta' l-Appell tirregistra dik id-decizjoni billi taghti digriet li bih tiddikjara d-decizjoni bhala ezegwibbli f'Malta; dak id-digriet m'ghandux jinghata kemm-il darba l-Qorti ta' l-Appell ma tkunx sodisfatta illi…(ii) matul u waqt il-procedimenti quddiem it-tribunal il-partijiet tgharrfu sew bid-dritt taghhom ta' azzjoni u ta' difiza b'mod sostanzjalment mhux differenti mill-principji tal-Kostituzzjoni ta' Malta…"**.

quddiem it-Tribunal Ekklesjastiku lill-Avukat Dott. Emy Bezzina, li mill-lista twila tax-xhieda tieghu it-Tribunal sema’ biss xi zewg xhieda, li nghata access ghad-dokumentazzjoni biss wara li d-Difensur tal-Vinkolu kien irrelata favur l-annullament, li t-Tribunal Metropolitan huwa wiehed arroganti, li xi xhieda prodotti kellhom dak li huwa jsejjah “konflitt ta’ interess”, u li, b’mod generali, kien hemm “gross negligence” fit-tmexxija tal-proceduri quddiem l-imsemmi Tribunal. Ir-rikorrenti Helen Meli Attard wiegbet permezz ta’ nota responsiva tal-25 ta’ Awissu 2005, filwaqt li d-Direttur tar-Registru Pubbliku baqa’ ma ppresenta ebda risposta. B’rikors datat 21 ta’ Ottubru 2005, Helen Meli Attard talbet li r-rikors originali taghha jigi riappuntat u deciz; u din il-Qorti irriappuntat ir-rikors ghas-smigh ghat-12 ta’ Dicembru 2005. F’dik l-udjenza Dott. Emy Bezzina talab li jaghmel is-sottomissjonijiet finali tieghu f’udjenza ohra, u dan effettivament sehh fl-udjenza tad-9 ta’ Janar 2006, f’liema udjenza wiegeb l-Avukat Dott. Frank Chetcuti Dimech f’isem l-imsemmija Helen Attard Hili.

**8.** Din il-Qorti ezaminat l-atti kollha migjuba quddiemha, kif ukoll is-sottomissjonijiet maghmula, u hi tal-fehma li l-oggezzjoni tal-intimat ghar-registrazzjoni mitluba mir-rikorrenti hija infondata. Jibda biex jinghad li din il-Qorti hija prekluza bil-ligi – Artikolu 28 [5] tal-Kap 255 – milli tiftah mill-gdid jew b’xi mod tidhol fil-meritu tal-kaz deciz mit-Tribunal/i Ekklesjastiku/ci. Il-funzjoni ta’ din il-Qorti hi kjarament limitata bl-imsemmi Artikolu 28 sabiex “taccerta jekk jezistux il-htigiet ta’ dan l-Att sabiex tkun tista’ ssir ir-registratzzjoni mitluba”. Fost dawn il-htigiet hemm dawk elenkati fis-subartikolu (5) ta’ l-Artikolu 24, inkluza l-htiega imsemmija fis-subparagrafu (ii) ga imsemmija (ara nota *in calce* numru 4, *supra*), a bazi ta’ liema subparagrafu l-intimat qed ighid li r-registrazzjoni m’ghandhiex issir. Meta l-ligi taghna tghid (u tezigi) li l-partijiet quddiem it-Tribunal

[5] Art. 28: **“Waqt is-smiegh ta’ rikors skond l-artikoli 24 u 26 il-Qorti ta’ l-Appell ma ghandhiex tidhol fil-merti tal-kaz li wasslu ghas-sentenza jew ghad-digriet li fir-rikors tkun qeghda tintalab ir-registrazzjoni taghhom izda l-qorti ghandha tillimita ruhha sabiex taccerta jekk jezistux il-htigiet ta’ dan l-Att sabiex tkun tista’ ssir ir-registrazzjoni mitluba.”**

Ekklesjastiku jridu jkunu "…tgharrfu sew [6] bid-dritt taghhom ta' azzjoni u ta' difiza b'mod sostanzjalment mhux differenti mill-principji tal-Kostituzzjoni ta' Malta" l-istess ligi ma hi qed tghid xejn aktar milli li ghandu jigi assigurat lill-partijiet quddiem it-Tribunal "smigh xieraq" b'mod sostanzjalment simili ghal dak li jinghata quddiem il-Qrati ta' Malta. Il-kelma "sostanzjalment" fl-espressjoni "b'mod sostanzjalment mhux differenti" (li allura tfisser "b'mod sostanzjalment simili") hija importanti: il-ligi ma tirrikjedix identita` ta' proceduri. Dak li tirrikjedi huwa li jkun hemm dawk il-mekkanizmi procedurali u ta' organizzazzjoni li fis-sustanza, mhux fid-dettal, jiggarantixxu smigh xieraq minn tribunal imparzjali u indipendenti, inkluza dik li fid-duttrina tissejjah "equality of arms" bejn il-partijiet (cioe` li l-partijiet ikollhom l-istess facilita` ta' access ghad-dokumenti u ghad-deposizzjonijiet u l-istess facilita` li jikkontro-ezaminaw lix-xhieda).

**9.** Minn qari ta' l-atti (specjalment tal-inkartament ta' 370 faccata ezibit man-nota tat-8 ta' Lulju 2005), jirrizulta li hafna, jekk mhux addirittura l-parti l-kbira, tal-ilmenti tal-intimat Joseph Mary Meli huma proprjament indirizzati ghall-meritu tal-vertenza bejn il-partijiet (ez. li l-espert psikologa nominata mit-Tribunal ma kienitx kwalifikata, u li xi xhieda kellhom "konflitt ta' interess"). Ma gie indikat xejn b'mod konkret – ghalkemm saru hafna alluzjonijiet – li b'xi mod jista' jwassal lil din il-Qorti li tqis li z-zewg Tribunali li hadu konjizzjoni tal-kaz tal-partijiet ma kienux Tribunali imparzjali u indipendenti. Il-fatt li dawn it-Tribunali huma komposti fil-parti l-kbira taghhom minn sacerdoti u min nies [7] li jipprofessaw ir-Religjon Kattolika ma jirrendix dawn it-Tribunali mhux imparzjali jew mhux indipendenti ghall-fini tad-determinazzjoni ta' vertenza bejn il-partijiet dwar in-nullita` o meno ta' zwieg ritenut bhala wiehed Kattoliku skond il-Kap. 255 [8]. Anqas ma jikkozza, fil-principju, kontra d-dispost tal-paragrafu (ii) ta' l-Artikolu 24(5) tal-Kap. 255 il-fatt li l-avukati li jistghu jipprattikaw quddiem dawn it-Tribunali jridu jkunu gew approvati jew

[6] "…there was assured to the parties…" fit-test ingliz tal-ligi; ara *passim* il-provvediment ta' din il-Qorti tat-8 ta' Novembru 2004 fil-kaz fl-ismijiet ***Patrick Calleja v. L-Avukat Dott. Tonio Azzopardi et noe.***

[7] Recentement gew nominati zewg lajci nisa bhala Imhallfin; hemm ukoll awdituri u deputati difensuri tal-vinkolu li huma lajci.

[8] Ara d-definizzjoni ta' tali zwieg fl-Artikolu 2(1) tal-Kap. 255.

abilitati mill-Ordinarju tad-Djocesi. Ma gie b'ebda mod pruvat, per ezempju, li dawn l-avukati huma f'numru hekk zghir li ma hemmx ghazla effettiva, jew li addirittura f'dak in-numru parti jew ohra ma tistax tkun assistita kif imiss. Mid-dokumenti jirrizulta li l-intimat kien assistit quddiem it-Tribunal mill-Avukat Dott. Joseph Zammit, izda dana l-avukat, fi stadju minnhom, irrinunzja ghall-patrocinju. Kif gie registrat fl-udjenza tat-12 ta' Lulju 2005 mill-Avukat Dott. Emy Bezzina a nom ta' l-intimat, wara li l-imsemmi Avukat Zammit irrinunzja ghall-patrocinju, l-intimat "hass" li huwa ma kellux fiducja fl-avukati kollha li kienu fuq il-lista u li kienu abilitati biex jipprattikaw quddiem it-Tribunal u "ghalhekk ma talabx li jigi appuntat avukat iehor". Anke skond il-ligi domestika, persuna ghandha dritt li tiddefendi lilha nnifisha minghajr l-assistenza ta' avukat, u jidher li dan huwa proprju dak li ghamel l-intimat, li ghalhekk issa ma jistax jilmenta mill-agir tieghu stess. Hekk ukoll, ma jikkozzax ma' l-Artikolu 24(5)(ii) tal-Kap. 255 il-fatt li l-intimat Joseph Mary Meli (bhalma anke del resto r-rikorrenti Helen Meli Attard) ma setghetx tkun prezenti meta kienet qed tigi ezaminata l-parti opposta kif ukoll ix-xhieda u l-esperti. Il-fatt li l-intimat kellu d-dritt li jkun rapprezentat waqt dawn l-ezamijiet mill-avukat tieghu – ara l-kanone 1678(1) tal-Kodici Kanoniku – ifisser li, ghall-anqas ghall-finijiet ta' kif hu koncepit il-paragrafu (ii) ta' l-imsemmi Artikolu 24(5), gie assigurat lill-istess intimat id-dritt ta' difiza "b'mod sostanzjalment mhux differenti mill-principji tal-Kostituzzjoni ta' Malta." Ma ingiebet ebda prova li l-proceduri quddiem it-Tribunal saru b'mod sigriet kif kontemplat fil-kanone 1559, b'mod li allura anke l-avukati difensuri tal-partijiet ikunu eskluzi mill-imsemmija ezamijiet.

**10.** Anqas ma jirrizulta sodisfacentement pruvat li l-intimat ma nghatax access ghad-dokumentazzjoni mehtiega biex huwa jkun jista' jiddefendi lilu nnifsu. Fil-paragrafu 29 tas-sentenza tat-Tribunal ta' l-Ewwel Istanza (cioe` fis-sentenza tat-30 ta' April 2004) infatti jinghad:

**"The Judges have to point out that the psychological report was not handed to respondent until he expressly requested it so as to avoid further harm to his psychological structure. The Advocates of both parties have every right to examine the reports when**

**the Acts of the case are published so that the *ius defensionis* would be rightly safe guarded in the terms of Canon Law.”**

**11.** Din il-Qorti ma jidhrilhiex li ghandha tiddilunga aktar. Jigi senjalat biss li l-fatt li l-intimat jilmenta li l-lista “twila” tieghu ta’ xhieda giet “tronkata” mit-Tribunal li sema’ biss numru limitat ta’ xiehda, ma jammontax fih innifsu ghal xi negazzjoni tad-dritt ta’ smigh xieraq – anke l-Qrati Civili u Kriminali, imwaqqfa bil-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili u bil-Kodici Kriminali, ghandhom is-setgha li jillimitaw in-numru ta’ xhieda jekk jaraw li xi xhieda huma rrelevanti jew superfluwi. Fl-ahhar nett huwa sinjifikanti l-fatt li l-intimat Joseph Mary Meli, kif jirrizulta mhux biss mid-dokumenti minnu stess ezibiti f’dawn il-proceduri izda wkoll miz-zewg sentenzi tat-Tribunali Ekklesjastici, isottometta ruhu ghall-gurisdizzjoni ta’ dawn it-Tribunali billi deher quddiem it-Tribunal ta’ l-ewwel istanza, iddepona, u anke ipprezenta dokumenti u ghamel sottomissjonijiet dwar il-kwistjoni tan-nullita` o meno taz-zwieg tieghu. Jidher li huwa biss issa, wara li kellu sentenza ghal darba darbtejn kontra tieghu, li huwa qieghed jipprova jzomm is-sentenza definittiva milli tigi registrata ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi civili billi jinvoka l-Artikolu 24(5)(ii) tal-Kap. 255 pero` fl-istess waqt jestendi l-argumenti tieghu biex jiddelegittima lil dawn it-Tribunali b’mod generali u jattakka l-meritu tas-sentenzi taghhom moghtija fil-konfront tieghu. Kif jinghad fil-paragrafi 5, 6 u 7 tas-sentenza tat-tieni istanza (cioe` dik tat-22 ta’ Dicembru 2004):

**“On the 8th November 1998, the petitioner requested the Archbishop of Malta to nominate a tribunal to examine her marriage in view of a declaration of nullity. The respondent, during the Joinder of the Issue, declared that he was against a declaration of nullity, although he admitted that most of what his wife stated in the petition was true. The doubt was thus formulated: AN CONSTET DE NULLITATE MATRIMONII IN CASU OB DEFECTUM DISCRETIONIS IUDICII ET/VEL OB INHABILITATEM ASSUMENDI ONERA CONJUGALIA EX PARTE VIRI CONVENTI. Both parties gave evidence, and eight witnesses were**

**called to give evidence, amongst them a professional priest psychologist and a lawyer. Both parties were represented by their respective lawyers, but respondent's lawyer in October 2003 renounced to continue representing his client. The necessary releases from confidentiality were duly signed by the respondent. Against standard practice, since the respondent insisted on seeing the report submitted by the expert appointed by the Tribunal, which is meant to help the Tribunal in its deliberations, he was allowed to read this report. The respondent presented to the Tribunal his submissions after reading the evidence and the observations of the Defender of the Bond, which consisted in detailed remarks about practically every answer given in evidence, the expert's report, and the observations of the Defender of the Bond, apart from articles, photographs and a whole range of documentary evidence apart from a lengthy curriculum vitae. Although in his submissions the respondent goes to great lengths to convince the Tribunal that he was the only one who was telling the truth and that all the other witnesses together with the psychlogical expert were being led by the petitioner, when one examines what the witnesses state about respondent's behaviour and character, they are generally concordant in their personal judgements."**

**12.** Fic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz, ghalhekk, din il-Qorti ma tarax li l-oggezzjonijiet tal-intimat Joseph Mary Meli huma gustifikati, u konsegwentement hi sodisfatta illi ma jezisti ebda ostakolu ghall-ezekuzzjoni tad-decizjonijiet tat-Tribunali Ekklesjastici kif mitluba mir-rikorrenti Helen Meli Attard.

**13.** Ghal dawn ir-ragunijiet, prevja r-rigett tal-oggezzjonijiet imqajma mill-intimat, tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jirregistra kif imiss id-decizjoni definittiva ta' l-imsemmi Tribunal Regjonali tat-Tieni Istanza tat-22 ta' Dicembru 2004 (Prot. N. 04/27) li kkonfermat decizjoni precedenti tat-Tribunal Metropolitan ta' Malta tat-30 ta' April 2004 (Prot. N. 98/90) li ddikjarat null iz-zwieg bejn Joseph Mary Meli u Helen Attard (*sive* Meli Attard) celebrat fis-16 ta' Lulju 1983, u dana skond

ma jipprovdu l-Artikoli 23 u 24 tal-Att dwar iz-Zwieg, Kap. 255. Spejjez, jekk hemm, ta’ dawn il-proceduri quddiem din il-Qorti ghandhom jigu sopportati mill-intimat Joseph Mary Meli.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------